# INFEZZJONIJIET BIL-*MENINGOCOCCUS*



Taghrif dwar il-mard tal-*meningococcus*

Il-batterji msejħa ***meningococcus*** jistgħu jġibu mard bħall-meninġite u infezzjoni fid-demm li tissejjaħ settiċemija. Iż-żewġ xorta ta' mard jistgħu jseħħu waħedhom jew flimkien. Ta' kull sena għadd ta' nies, żgħar u kbar, jimirdu bil-mard tal-***meningococcus***.

## X' inhi il-Meninġite?

Din hija infjammazzjoni tar-rita li tiksi l-moħħ ikkaġunata minn xi tip ta' *virus* jew batterji. Il-meninġite kkaġunata minn *virus*, hija aktar komuni u kważi dejjem tfiq mingħajr kumplikazzjonijiet. Iżda il-meninġite kkaġunata mill-batterji hija aktar serja u biex titfejjaq jeħtieġ li tiġi kkurata minnufih. Waħda minn din ix-xorta ta' meninġite hija kkaġunata mill-*meningococcus*. Għalkemm bosta nies f'saħħithom iġorru l-batterji tal-*meningococcus* fi mnifsejhom u fil-gerżuma, dawk li fil-fatt taqbadhom il-marda huma tassew ftit.

## Is-sintomi tal-Meninġite

Persuna bil-meninġite jkollha d-deni, uġigħ ta' ras qawwi, telqa, ebusija ta' l-għonq, u d-dawl jibda jdejjaqha u jweġġgħalha għajnejha. Jaf joħorġilha wkoll raxx fil-ġilda. Dan huwa sinjal importanti għax tista' tindika li l-persuna għandha infezzjoni bil-batterji tal-*meningococcus*.

## X' inhi Settiċemija?

Dawn l-istess batterji tal-*meningococcus* jistgħu jikkaġunaw wkoll infezzjoni fid-demm li tissejjaħ settiċemija. Din hija infezzjoni serja li jista' jkollha kumplikazzjonijiet koroh u ġieli twassal sal-mewt. Importanti li wieħed ikun jaf li s-sintomi tas-settiċemija jistgħu jkunu differenti minn dawk tal-meninġite.

## Is-sintomi tas-Setticemija

Wieħed mis-sinjali ewlenin ta' din il-marda huwa raxx ħafif li jiksi l-ġilda b'tikek irqaq ħamranin u li fi ftit ħin jiżviluppaw fi dbabar vjola. Sintomi oħra huma d-deni, telqa, dardir, remettar u anke wġigħ ta' żaqq.

## Kif tinxtered l-infezzjoni tal-*meningococcus*?

Il-batterji tal-*meningococcus* jgħaddu minn bniedem għal ieħor kif jittieħed riħ komuni, jiġifieri permezz tas-sogħla u l-għatis fil-qrib. Biex il-batterji jgħaddu minn persuna għal oħra jrid ikun hemm kuntatt mill-qrib u għal ċertu tul ta' żmien. Għalhekk huwa l-aktar espost min jgħix mal-marid, ibusu fuq xufftejh, jew ikunu jieħu ħsiebu mill-qrib.



### Meninġitie

- Deni
- Uġigħ ta' ras qawwi
- Telqa
- Ebusija ta' l-għonq
- Dardir jew remettar
- Uġigħ fid-dirgħajn u r-riġlejn
- Raxx fil-ġilda
- Id-dawl iweġġa' l-għajnejn
- Aċċessjonijiet (*fits*)

### Setticemija

- Deni
- Raxx fil-ġilda
- Dardir jew remettar
- Uġigħ ta' żaqq
- Telqa
- Tkexkix ta' bard
- Uġigħ fid-dirgħajn u r-riġlejn
- Dijarea

**il-pazjent mhux bilfors ikollu dawn is-sintomi kollha**

## X'għandek tagħmel?

Għalkemm teżisti mediċina preventiva għal dan il-mard, din **mhijiex** rakkomandata lil min kellu biss xi kuntatt żgħir mal-marid, ngħidu aħna, vvjaġġa fl-istess karozza, poġġa bilqiegħda ħdejh, tkellem miegħu jew għadda minn maġenbu. Mill-banda l-oħra, fil-kuntatti mill-qrib jeħtieġ li tittieħed il-kura preventiva mill-aktar fis, meta u kif jordna t-tabib. F'xi każi biss jkun jinħtieġ ukoll it-tilqim.



Ir-raxx fil-bidu tal-marda ...



... u meta l-marda tidħol 'il ġewwa



**It-trabi** jistgħu wkoll juru dawn is-sintomi:

- Jintelqu
- Jirrifjutaw l-ikel
- Jibbiesu u jistiraw



## Meta għandek tkellem it-tabib?

Meta persuna jkollha s-sintomi li semmejna jew tkun ġiet f'kuntatt mill-qrib ma' xi ħadd marid bil-*meningococcus*, għandu jmur ikellem tabib minnufih. Il-mard bil-*meningococcus* huwa mard serju, u l-kura bikrija tista' tevitalek kumplikazzjonijiet koroh. Mill-banda l-oħra, wieħed m'għandux joħodha li kull meta jaqbdu wġigħ ta' ras jew ikollu d-deni jkun bilfors marid bil-meninġite jew setticemija.



....dwar il-mard bil-***meningococcus*** staqsi lit-tabib tiegħek, jew ċempel lit-**Taqsima Sorveljanza tal-Mard** tad-**Dipartiment tas-Saħħa Pubblika** (tel. 324086 jew 332235), mit-Tnejn sal-Ġimgħa waqt il-ħin ta' l-uffiċċju.

Maħruġ mid-
**Dipartiment tas-Saħħa Pubblika,**
**Taqsima Sorveljanza tal-Mard**

37-39, Rue D'Argens, Msida MSD 05

**Jekk tagħraf il-mard tal-*meningococcus* u tikkurah mill-ewwel tista' issalva ħajjet il-marid.**

Il-permess tad-disinnji ingħata ġentilment min-*National Meningitis Trust* tar-Renju Unit